MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 68/2008/2

**Vincent Bonello ID 884749(M) bhala prokuratur ta’ ohtu Helen Sammut assenti minn dawn il-gzejjer, John u Maria ahwa Mercieca**

**vs**

**Emanuel Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Emanuel Baldacchino fejn huwa ressaq talba ai termini ta’l-artikoli 811(l) u 820 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana sabiex tigi imhassra is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta tad-29 ta’ Novembru 2012 u tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza.

Rat ir-risposta tar-ritrattat Vincent Bonello nomine.

Semghet trattazzjoni mid-difensur tar-ritrattat.

Ikkunsidrat,

Dan hu rikors ta' ritrattazzjoni li permezz tieghu l-intimati qed jitolbu s-smiegh mill-gdid tal-kawza deciza b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta' Novembru 2012.

Is-sentenza li taghha qieghed jintalab is-smigh mill-gdid tgħid dan:-

*"Il-Qorti;*

***I. PRELIMINARI.***

*Illi fis-6 ta' Frar 2012 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -*

*"Il-Bord,*

*Illi huwa jikri lill-intimat l-fond 83 (gja 47F) Triq Dun Marju Qormi versu l-kera ta' €104.82 (gja Lm45) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fis-17 ta' Marzu 2009;*

*Illi l-intimat regolarment ma jhallasx il-kera puntwalment u*

*prezentement ghandu jhallas permezz tal-iskadenzi tas-17 ta' Marzu u tas-17 ta' Settembru 2008 u dana avolja gie mitlub ihallas permezz ta' ittri registrati;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi jigi awtorizzat minn dan il-Bord li jiehu lura l-pussess tal-fond 83, Triq Dun Marju Qormi fi tmien il-kirja kurrenti;*

*Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid:*

*Illi fl-ewwel lok ma hemm ebda prova li Vincent Bonello ghandu d-debita prokura minghand ohtu assenti minn Malta, Helen Sammut sabiex taghmel tali kawza;*

*Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak eccepit hawn fuq, it-talbiet atturi huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-fatt li kif jirrizulta mill-annessi cedoli mmarkati Dok EB 1 u Dok EB 2, l-imsemmi Emanuel Baldacchino jiddepozita l-kera l-Qorti;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Semgha l-provi;*

*Ra l-atti kollha tar-rikors;*

*Ikkunsidra:*

*Illi logikament, l-ewwel punt li jrid ikun investit minn dan il- Bord huwa l-l-kwezit sollevat mill-intimat dwar l-ezistenza ta' prokura tar-rikorrenti biex jirraprezenta lill-ohtu f'dawn il-proceduri. B'rejazzjoni ghal dan, l-istess rikorrenti esebixxa kopja ta' prokura generali iffirmata minn Helen Sammut debitament awtentikata quddiem il-Konsolat Malti f'Sydney, l-Awstralja li takkludi l-poter biex jidher in gudizzju f'isem l-istess Helen Sammut. Din il-prokura hija datata 26 t'April 1994 u tidher in regola. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma tirrikjedi ebda konsiderazzjoni ulterjuri;*

*Illi fil-mertu, l-mod kif postulata l-kawzali tar-rikorrenti, jigifieri li l-intimat regolarment ma jhallasx il-kera puntwalment ma jsib ebda sostenn fil-ligi u hija biss t-tieni parti ta' din il-kawzali li tista' tingieb bhala raguni ghar-ripreza tal-fond meta din qed issir ghat-termini tal-artikolu 9(a) tal-Kap 69. Ghalkemm il-kawzali mhix riproduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-fatti jehtieg li juru dak rikjest f'dan l-artikolu, jigifieri, u kif ritenut fil-gurisprudenza kopjuza in materja: "Kwantu ghall-allegata morozita huwa pacifiku illi biex ikun hemm din il-morozita jehtieg li jkunu saru zewg interpellazzjonijiet ghall-hlas ghal zewg skadenzi diversi (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 87**) u li ghal finijiet ta' l-Artikolu 9 (a) tal-Kapitolu 69 irid jirrizulta nuqqas ta' hlas fit-termini preskritti dekoribbli mill-interpellazzjoni (**Kollez. Vol. XLVIIP I p 287**)" **- Emanuel Armeni vs Anthony Mangion** App tal-20 t'Ottubru, 2004. Dak li hu rilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kaz in dizamina mhux l-allegata abbitudini tal-intimat li jhallas tardivament izda l-fatti dwar l-ahhar zewg skadenzi, jigifieri dik dovuta fis-17 ta' Marzu 2008 u dik tas-17 ta' Settembru 2008. Dan il-kera jithallas bis-sitt xhur bil-quddiem fis-17 ta' Marzu u fis-17 ta' Settembru ta' kull sena. Ir-rikorrenti jghid illi wara li l-intimat naqas milli jhallas dawn l-iskadenzi kien baghatlu ittra registrata u f'Jannar tas-sena 2008, intavola din il-kawza [prezumibilment ried jghid fis-16 t'Ottubru tal-2008 ghaliex hekk juri t-timbru ufficjali tal-prezentata]. Meta l-intimat offra li jhallas, l-kera kienet rifjutata u l-intimat iddepozita l-istess kera taht l-awtorita' tal-Qorti. Fol 21 hija kopja ta' rikjesta ghall-hlas tal-iskadenza tas-17 ta' Marzu*

*2008 bid-data tal-25 ta' Marzu 2008 ukoll fil-counterfoil tal-ufficju tal-posta bhala prova ta' registrazzjoni Fol 18 huwa kopja ta' ittra tat-22 ta' Settembru 2008 domandanti l-kera dovuta tas-17 ta' Settembru 2008 tal-istess sena u takkludi l-counterfoil ta' registrazzjoni u r-rikorrenti jghid biss illi jaf li l-intimat ircieva dawn l-ittri registrati. L-intimat xehed illi kien kostrett diversi drabi li jiddepozita l-kera taht l-awtorita' tal-Qorti ghaliex r-rikorrenti difficli ssibu u kien ukoll irrifjuta li jaccetta hlas. Recentement kien kostrett jaghlaq il-fond konsistenti f'forn u dan fuq ordni tal-awtoritajiet sanitarji sia minhabba nuqqasijiet tieghu kif ukoll dawk li minkejja li talab lis-sid jindirizza kif obbligat, baqa' inadempjenti. L-intimat esebixxa kopja ta' cedoli ta' depozitu. Minn ezami ta' dawn ic-cedoli jemergi illi l-intimat kien ikkawtela l-posizzjoni tieghu billi iddepozita l-kera fil-5 ta' Ottubru 2007 u id-Dok EB1 a fol 40 juri kopja ta' cedola ta' depozitu mill-intimat fl-ammont ta' €106.76 bid-data tal-5 t'Ottubru 2007 u dawn kienu hekk depozitati fit-terminu ghall-ittra interpellatorja tas-26 ta' Settembru 2007 (fol 20). Dan id-depozitu ma jiccentra xejn ghall-kaz skrutinat u huwa pacifiku bejn il-partijiet illi dak id-depozitu kien sar ghaliex minkejja li l-intimat mar ihallas il-kera fit-terminu ta' hmistax-il jum minn meta kien hekk interpellat, dan il-kera kienet ingustament rifjutat mir-rikorrenti. L-intimat kien ukoll effettwa depozitu iehor kif jemergi mir-ricevuta ta' depozitu bid-data 22 ta' Jannar 2009. Din hija akkumpanjata b'cedola li tikkawtela l-perjodu 17 ta' Settembru 2007 sas-16 ta' Marzu 2008 motivata bl-allegazzjoni li r-rikorrenti qed jirrifjuta l-kera. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-intimat jghid illi dan huwa zball ghaliex bi zvista, l-avukat tieghu "kien ikkwota skadenzi hziena u dan peress illi jidher li dawn l-iskadenzi kienu gia koperti bic-cedola precedenti". L-istess intimat itenni li din ic-cedola kellha tkopri zewg skadenzi, dik ta' bejn is-16 ta' Marzu 2008 u dik tas-16 ta' Marzu 2008. Bid-dovut rigward, dan ma jsib ebda sostenn fid-dokumenti esebiti.*

*Din ic-cedola, fol 45 ma ghandha ebda indikazzjoni ta' meta kienet intavolata izda fl-istess waqt hi akkompanjata b'zewg ricevuti ufficjali bid-data tat-22 ta' Jannar 2009, jigifieri anke gratia argoment l-intimat ried ikopri z-zewg perjodu ta' Marzu 2008 sas-16 ta' Marzu 2009, jikkonsegwi illi l-kera kien depozitat xhur wara l-interpellanzi tal-25 ta' Marzu u 22 ta'*

*Settembru 2008. Tajjeb li jkun osservat illi ic-cedola bid-data tat-22 ta' Jannar 2009 kienet intavolata jum wara li l-intimat kien notifikat b'dawn il-proceduri. Iz-zewg ricevuti ta' depozitu tad-19 ta' Mejju 2009 mhumiex akkumpanjati b'kopja tac-cedola filwaqt illi zewg ricevuti tal-21 t'April 2010 huma akkumpanjati b'cedola ta' depozitu li jikkawtelaw l-iskadenza 17 ta' Marzu 2010 sas-16 ta' Marzu 2011 billi s-sid qed jirrifjuta li jaccetta li jircievi l-kera minghajr ebda raguni valida fil-ligi izda dawn ta' l-ahhar ma huma ta' ebda rilevanza ghall-konkluzzjoni tal-kaz. Id-depozitu tal-kera dovuta ghall-iskadenzi Marzu u Settembru 2008 ghalhekk kien gravament impuntwali b'mod illi l-intimat ghandu jitqies moruz qua zewg skadenzi kif postulat fir-rikors promutur. Jibqa' ghalhekk li jkun investit jekk l-intimat kienx interpellat separatament ghal kull skadenza skont l-artikolu 9(a) Kap 69. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-intimat jghid illi t-talba ghall-hlas ghandha tkun bil-miktub izda din it-tezi ma ssib ebda sostenn fil-ligi u l-gurisprudenza ghaliex huwa pacifiku illi l-interpellanza mhix mehtiega li ssir in iskritt – ara per ezemplari* **Mary Borg et vs John Muscat App** *Civ 9 ta' Marzu 1994. Opportunement, izda, ghandhom ikunu osservati l-principji kollha regolanti kwistjonijiet ta' morozita' kif emergenti mill-gurisprudenza, jigifieri li jkun skrutinat ukoll jekk kienx hemm xi raguni legittima ghan-nuqqas ta' hlas tal-kera li setghet tiskolpa lill-intimat mis-sanzjoni estrema tali zgumbrament. Fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph u Carmen ahwa Darmanin vs Giljan Cutajar App 23.11.2005*** *kien ritenut illi "l-ligi u l-gurisprudenza ma jidhrix li jikkuntentaw ruhhom bis-semplici kostatazzjoni teknika f'materja ta' morozita' [ghaliex] biex tabilhaqq tkun tidher li qed ssir verament gustizzja kien jokkorri li l-materja tigi ezaminata fir-realta' tac-cirkostanzi kollha attendibbli". Ir-rikorrenti jghid illi jaf li l-intimat ircieva z-zewg ittri registrati dwar iz-zewg skadenzi mertu tal-kawza u l-intimat ma jinnegax din l-affermazzjoni minkejja li kellu kull opportunita` jaghmel dan jekk fil-verita ma kienx ircieva dawk l-interpellanzi. L-intimat gia kellu indikazzjoni cara illi s-sid ma kienx ser jittollera aktar dewmien meta ghall-iskadenzi immedjatament precedenti, jigifieri dawk tas-sena 2007, kellu jiddepozita l-kera ghaliex din ma kienitx accettata wara interpellanza ghad li dan ir-rifjut kien wiehed mhux lecitu kif fuq spjegat. Il-Bord ma inghata ebda raguni ghaliex l-iskadenzi ta' Marzu u Settembru 2008 kienu depozitati*

*daqshekk tardivament u ghalhekk in mankanza ta' tali raguni l-Bord huwa kostrett li jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti;*

*Ghal dawn il-motiv, l-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghal-fini ta' zgumbrament qed jipprefigi zmien sittin jum mil-lum.*

*L-ispejjez huma a karigu tal-intimat."*

*Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Baldacchino datat 27 ta' Frar 2012 fejn talab lill-Qorti sabiex in vista tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.*

*Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Mejju 2012.*

*Rat ir-risposta tal-appell ta' Vincent Bonello (ID 884749M) datata 16 ta' Marzu 2012 a fol 19 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi konatra l-intimat appellant.*

*Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr Joseph Zammit Maempel ghall-appellant, u Dr. Maria Cardona ghall-appellant li tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smigh ghall-appellant. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Novembru 2012.*

*Rat id-dokumenti esebiti.*

*Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.*

*Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord li Jirregola il-Kera fl-ismijiet premessi datata 6 ta' Frar 2012.*

## ***II. KONSIDERAZZJONIJIET.***

*Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-Bord ma qiesx il-vera tifsira ta' morozita` ghaliex din trid tiehu l-konsiderazzjoni l-antecedenti fir-relazzjoni bejn is-sid u l-inkwilin b'mod partikolari d-disponibbilita' ta' l-ewwel li jaccetta l-kera, u sid li jirrifjuta l-kera ma jistax jinqeda mbaghad*

*b'tali rifjut illegali sabiex imbaghad jallega li d-depositu ma sarx fil-hin u dan skont kif deciz fis-sentenza* ***"Doris Attard vs Julian Borg et"*** *(A.I.C. (JSP) – 28 ta' Gunju 2001).*

*Illi din il-Qorti, u wara li rat l-atti kollha tal-kawza thoss li fil-kaz partikolari odjern gie ppruvat li fil-fatt kien hemm morozita' fil-hlas ta' kera, saru l-interpellazzjonijiet indikati u msemmija fid-decizjoni, u jidher li saru cedoli ta' depositi tardivi.*

*Illi l-appellant jghid li dan sar hekk ghall-zewg ragunijiet, wahda li d-difensur tieghu ma ddepositax tali cedoli fil-hin, allegazzjoni li ma hemm l-ebda prova taghha, u l-ohra li s-sid kien qed jirrifjuta l-kera u l-appellant ma setghax isibu.*

*Illi izda mill-atti processwali dak allegat dwar it-tieni istanza ma giex ippruvat, ghaliex ix-xhieda ta' l-appellant li hija wahda generika, hija kontrasta mix-xhieda tal-appellat li sostna li wara l-interpellazzjonijiet, kien biss wara li saret il-kawza li l-appellant mar biex ihallas l-iskadenzi mertu tal-kawza odjerna, u kien hawn li ma accettax il-kera, kif allura kellhu dritt jaghmel.*

*Dan huwa wkoll soffermat mill-fatt li l-Bord innota li "c-cedola bid-data tat-22 ta' Jannar 2009 kienet intavolata jum wara li l-intimat kien notifikat b'dawn il-proceduri", u b'hekk jirrizulta li t-tezi tal-appellat hija iktar verosimili, u giet ippruvata, waqt li l-allegazzjoni tal-appellant ma ghandhiex mis-sewwa.*

*Filfatt b'dawn ir-rizultanzi ma jirrizultax li kien hemm ostakolu sabiex l-istess appellant ihallas il-kera u lanqas sabiex jaghmel cedoli ta' depositu tempestivi, tenut kont ta' dak li jipprovdi l-****artikolu 9 (a) (i) tal-Kap. 69*** *u t-terminu hemm indikat, u allura l-gurisprudenza citata mill-appellanti (****"Camilleri vs Morgan"*** *– A.I.C. - Vol. XXXIII.i.395;* ***"Testaferrata Bonici vs Moakes"*** *A.I.C. Vol. XXXIX.i.306) ma tapplikax ghall-kaz in ezami, proprju ghaliex kien in-nuqqas tal-appellant li jaghmel il-hlas tempestivament, anke wara l-interpellanzi li skogita din il-kawza, u l-effett taghha legali, u mhux xi nuqqas min-naha tar-rikorrenti. B'hekk l-appell qed jigi michud.*

## ***III. KONKLUZJONI.***

*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 16 ta' Marzu 2012, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu datat 27 ta' Frar 2012 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz, u ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet premessi "Vincent Bonello nomine vs Emanuel Baldacchino" (Rikors Numru 68/2008 GG) datata 6 ta' Frar 2012.***

***Bl-ispejjez kontra l-appellanti Emanuel Baldacchino.***

***Moqrija".***

Illi mill-atti probatorji li gew kompilati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera jirrizulta illi Vincent Bonnello kien talab ir-ripreża tal-fond 83 ġja 47 F li jinsab fi Triq Dun Marjo, Qormi għar-raġuni illi l-inkwilin kien moruz fil-hlas tal-kera. Il-kera għal dan il-fond hija ta' €104.82 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem. Quddiem il-Bord, Emanuel Baldacchino kien eċepixxa illi kif jirriżulta minn ċedoli EB 1 u EB 2, huwa iddepożita l-kera l-Qorti. Il-Bord għamel analiżi jekk l-intimat ħallasx il-kera dovuta ghall-iskadenzi tas-17 ta' Marzu 2008 u dik tas-17 ta' Settembru 2008, u b'sentenza tas-6 ta' Frar 2012, ikkonkluda illi "*id-depożitu tal-kera dovuta għall-iskadenzi Marzu u Settembru 2008 għalhekk kien gravament impuntwali b'mod illi l-intimat għandu jitqies moruż qua żewġ skadenzi kif postulat fir-rikors promotur."*

Illi b'sentenza tad-29 ta' Novembru 2012, Il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell ta' Emanuel Baldacchino, u irreteniet illi "*ġie ippruvat li fil-fatt kien hemm morożita fil-ħlas ta' kera, saru l-interpellazzjonijiet indikati u msemmija fid-deċiżjoni u jidher li saru ċedoli u depożiti tardivi."*

Ir-ritrattandi jitlob is-smigh mill-gdid tal-kawza għaliex jgħid illi din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta wasslet għall-konklużjoni żbaljata fid-deċiżjoni tagħha. Isostni illi mill-atti jirrizulta illi sar il-ħlas permezz ta' ċedola Numru 2274/2007 datata 5 ta' Ottubru 2007 għall-iskadenza tas-17 ta' Marzu 2007. Jgħid illi l-ħlas għall-iskadenza l-oħra sar permezz tat-tieni ċedola bin-Numru 202/2009, datata 22 ta' Jannar 2009, u dan għall-iskadenzi tas-17 ta' Settembru 2008 u ta' Marzu 2009. Ir-ritrattandi jgħid illi ai fini tal-Artikolu 9(a) tal-

Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan jikkostitwixxi prova illi l-ħlas effettivament sar.

Il-Qorti qabel kull konsiderazzjoni ohra tosserva is-segwenti rigward l-pregudizzjali sollevata b’mod preliminari fir-risposta tar-ritrattat. Illi il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta jippermetti smiegh mill-gdid tal-kawza fic-cirkostanzi precizi msemmija fl-**Artikolu 42**. Dan jipprovdi illi ***“jekk jinsab li wahda mill-partijiet hadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnha, il-parti kuntrarja tista’ taghmel talba lill-Bord ghas-smiegh mill-gdid tar-rikors … …”.*** Pero jigi osservat illi l-kaz prezenti jittratta talba għar-ritrattazzjoni ai termini tal-Art. 811 (l) tal-Kap 12. L-Artikolu 42 ma jagħtix lir-ritrattandi ir-rimedju illi qiegħed jipprova ifittex huwa bil-kawża odjerna, għaliex skond dak l-artikolu, id-dritt tar-ritrattazzjoni hu limitat ghal kaz fejn id-dikjarazzjoni falza tkun maghmula mill-parti (**Ara “Joseph Zammit -vs- Carmelo Dingli”, Appell, 28 ta’ Dicembru 2001**). Mill-banda l-oħra, l-Art 811 (l), li hu l-artikolu li jibbaża t-talba għar-ritrattazzjoni ir-ritrattandi, hu estiz għal sentenzi milquta minn żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

Illi fil-kawza “**Angela Mangion -vs- Gustavo Sciortino**” (Rikors Numru 1/2001) deciz minn din il-Qorti fit-13 ta’ Frar, 2009. Telegrafikament, f’din id-decizjoni ntqal dan li gej:-

**(1) Fis-sistema tal-ligi taghna fuq l-interpretazzjoni akkordata mill-gurisprudenza l-Bord li Jirregola l-Kera mhux prekluz milli jitratta u jiddeciedi ritrattazzjoni ta’ kawza artikolata fuq xi wahda mir-ragunijiet kalendati fl- Artikolu 811 tal-Kapitolu 12. Dan hu bazat fuq ir-raguni logika-guridika illi l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 69, bir-referenza generali li jaghmel ghall-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili in referenza ghall-attribuzzjonijiet u s-setghat tieghu, kien jippermetti li dan hekk isir. Ara “Anthony Cassar -vs- Flora Mifsud”, Appell Civili, 5 ta’ Frar, 1945;**

**(2) Hu biss fejn it-talba ghar-ritrattazzjoni tkun arginata fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 illi l- Bord ghandu gurisdizzjoni esklussiva. Dan avolja d-decizjoni fuq il-mertu li jkun qed jigi ritrattat tkun giet l- ahhar pronunzjata minn Qorti ta’ l-Appell**

**Ir-ritrattand f’kawza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera jista’ kumulativament jitlob ir-ritrattazzjoni sew taht l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 kif ukoll ghal xi wiehed mill-motivi taht l-Artikolu 811 tal- Kapitolu 12. Dan hu hekk illum permissibbli bil-procedura idoneja tar-rikors billi a differenza ta’ dik li kienet il-qaghda procedurali qabel l-emendi apportati**

**ghal Kodici ritwali mentri fil-kaz prospettat taht l-Artikolu 811 il-procedura kontemplata kienet dik tac-citazzjoni, u b'rikors fil-kaz taht l-Artikolu 42 illum ir-rit hu dak wiehed bir-rikors fiz-zewg ipotesijiet, ankorke fil-kaz taht l-Artikolu 811 dak ir-rikors irid ikun ukoll wiehed guramentat.**

Għaldaqstant ma għandux raġun fir-risposta tiegħu r-ritrattat meta jgħid illi din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi din il-kawża ta' ritrattazzjoni.

Stabbilita l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, jingħad illi r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed ta' natura eccezzjonali u li ma għandux jiġi abbużat biex jipprovdi forma ta' Qorti ohra ta' revizjoni. Fis-sentenza"**<u>Fedele Dalli –vs- Coronato Sare</u>**`", (Appell, 20 ta' Frar 1996), intqal hekk:

***"irid jinzamm ferm illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni jirreferi f'dan il-kaz ghal procedura fl-istadju ta' l-appell u huwa f'dan l-istadju li ghandu jigi identifikat l-izball ta' fatt li allegatament jaghti lok ghal dan ir-rimedju."***

Imbaghad f'**<u>Said International Limited Vs Mac Limited Et</u>**, Appell, 07 ta' Lulju 2003, intqal:-

***(a) ir-rimedju konsentit minn dan l-istitut huwa ta' natura straordinarja ("Dr. Paul Mallia nomine –vs- Vincenza xebba Camilleri", Appell Civili, 2 ta' Lulju 1975),***

***(b) regolat minn interpretazzjoni strettissima ("Rev. Sac. Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina", Appell Civili, 18 ta' April 1958),***

***(c) "non suscettibile di una estensiva ma della sola letterale" ("Arthur Micallef –vs- Maria Dolores Vella et", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Gunju 1910".***

Illi s-subinciz (l) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 jaghti lok ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza fil-kaz fejn is-sentenza ritrattanda kienet l-effett ta' zball ta' fatt li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Pero jiġi ppreċiżat illi ghall-finijiet tal-artikolu 811(l) jitqies li hemm zball, fil-kaz ta' decizjoni bazata fuq supposizzjonijiet ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza jew fuq is-supposizzjonijiet li ma jezistix xi fatt illi l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament basta li f'kaz ta' wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat u li jkun gie deciz bis-sentenza". (**<u>Cutajar Michael Vs Muscat Roberta</u>** u Appell Civili Numru. 77/1998/2 **<u>Palmar Limited vs Victor Ciantar.)</u>**

"***Si richiede che il fatto non abbia costituito un punto controverso fra le parti e deciso nella sentenza, poiche se le parti avessero trattato di quel punto di fatto come di mezzo od argomento di azione o di difesa e la impugnata sentenza contenesse menzione del punto controverso ed avesso accolto o rigettato quel mezzo od argomento non si potrebbe piu` ritenere che il fatto fosse passato immune da controversia ne che lo stesso non sia stato avvertito dal giudice***" (**"Alessandro Gauci –vs- P.L. Costantino Fenech", Appell Civili, 17 ta' Novembru 1920; "Maria Concetta Vella –vs- Federico Galea noe", Appell, 20 ta' Novembru 1998**).

Ghal precizazzjoni tal-punt ta' dritt f'dan il-kuntest gie rilevat ukoll illi:

"***non fornisce motivo di ritrattazione secondo la legge l'errore che si manifesta, o si crede esistere nei criteri e nei caratteri coi quali e` stato appreso dal giudicante, poiche l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindicabile convincimento del giudice***: (**"Giuseppe Luigi Bonnici –vs- Dottore Carlo Galea Naudi", Appell Civili, 3 ta' April 1922. Ara wkoll decizjonijiet fl-ismijiet "Isidoro Agius –vs- Giuseppa Bugeja et", Appell, 13 ta' Gunju 1995; "Pio Vassallo –vs- Emanuel Chetcuti et", Appell, 28 ta' Frar 1997 u "Ganni Borg –vs- Paul Borg", Appell, 7 ta' April 1998**.)

Għal din il-Qorti, l-izball li minnu qiegħed jilmenta r-ritrattandi jittratta punt illi kien ikkontestat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta u illi ġie ukoll deċiż minnhom. Dak lamentat mir-ritrattandi jitratta il-ħlas *o meno* ta' żewġ skadenzi ta' kera fiz-zmien moghti bil-ligi wara li issir l-interpellazzjoni mis-sid ghal hlas ta'l-istess. Din il-Qorti ta' revizjoni irriaffermat il-konklużjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera u irreteniet illi ġie ippruvat li fil-fatt kien hemm morożita fil-ħlas ta' kera, u illi ma rriżultalhiex ostakolu tal-appellanti rittrattandi sabiex iħallas il-kera u jagħmel iċ-ċedoli ta' depożitu fit-terminu moghti mill-ligi. Illi fiz-zewg sentenzi sar ezami approfondit tal-fattispecje kollha tal-kaz bid-dati rilevanti ta'l-iskadenzi dovuti, ta'l-interpellazzjonijiet mis-sid u meta effettivament sar il-hlas permezz tac-cedoli ta' depozitu, inkluz ukoll dak riaffermat mir-ritrattandi dwar cedola partikolari fejn l-iskadenza giet indikata erronjament u sussegwentment giet korretta. Wara dan l-ezami akkurat li ma fih l-ebda zball, kif allegat mir-ritrattandi, gie gustament deciz illi dak illi trid il-ligi hija in-nuqqas ta' puntwalita' fil-hlas ta' dawk l-iskadenzi mill-interpellazzjoni u ghalhekk anke meta il-hlas ikun sar, izda tardivament tikkonsegwi il-morozita' li taghti lok ghal zgumbrament. Ghalhekk in kwantu r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju, mhux ammissibbli it-talba tar-ritrattandi stante illi si tratta minn

punt illi diġa' ġie ikkontestat u deċiż minn din il-Qorti ta' revizjoni u mill-Bord li Jirregola l-Kera.

Ghal dawn il-motivi u in bazi ghall-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, it-talba qed tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess intimat ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------